MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-12 ta' Dicembru, 2007

Appell Civili Numru. 197/2007/1

Fl-Atti tal-Mandat ta' Qbid Ezekuttiv Numru 1614/07 fl-ismijiet:-

**Panta Marketing & Services Limited**

**vs**

**George Farrugia *qua* amministratur ta' St Paul's Tower Apartments Block A, u Angelo Magro *qua* amministratur ta' St Paul's Tower Apartments Block B**

**Il-Qorti,**

Fit-12 ta' Settembru, 2007, il-Qorti Civili tal-Magistrati ppronunzjat is-segwenti decizjoni fl-ismijiet premessi:-

> "Il-Qorti,
>
> Rat ir-rikors in esami li bih ir-rikorrenti, George Farrugia ID 199450(M) u Alfred Magro ID

807945(M) wara li ppremettew illi din hija talba ghar-revoka tal-Mandat ta' qbid esekuttiv numru 1614/07 ai termini tal-artikolu 166A (5) tal-Kap.12.

Illi l-esponenti qed jitolbu lil din il-Qorti sabiex tirrevoka il-mandat de quo u dan stante li l-ittra ufficjali tas-17 ta' April 2007 (Dok A) hija nulla u dan ghas-segwenti ragunijiet:

1. Illi l-ittra ufficjali ma fihiex dak li hu tassativament rikjest skond l-artikolu 166A(5) (ii) tal-Kap. 12 u cioe li skond l-artikolu 166A(5) (2) l-kliem imsemmija fl-avviz legali 278/2005 u cioe **"Ghalhekk huwa fl-interess tieghek li tkellem avukat jew prokuratur legali"**, huma mankanti fl-ittra ufficjali ta' Panta Marketing and Services Limited tas-17 ta' April 2007 (Dok A) li fuqu ibbazat il-mandat ta' qbid de quo.
2. Inoltre ma hemm xejn x'jindika li min halef l-istess ittra ufficjali ghandu r-rapprezentanza tal-istess socjeta Panta Marketing and Services Limited u ghalhekk l-ittra ufficjali tas-17 ta' April 2007 ma tissodisfax dak li hu tassativament rikjest skond l-artikolu 166A(5) (2) tal-Kap 12.
3. Inoltre wkoll, l-istess ittra ufficjali ma ghnadhiex ir-rekwiziti l-ohra skond l-istess subartikolu 166A(5) (2) tal-Kap. 12 u cioe r-ragunijiet ghala t-talba ghandha tigi milqugha u dikjarazzjoni tal-fatti u li l-ammont huwa cert, likwidu u dovut.

Talbu bir-rispett sabiex ghar-ragunijiet premessi l-Qorti tirrevoka l-mandat ta' Qbid numru 1614/07.

Rat id-dokumenti annessi mal-istess rikors u li jinsabu a fol 3 sa fol 8 ibid.

Rat ir-risposta tas-socjeta intimata a fol 11 ibid u li biha esponiet bir-rispett:

1. Illi in segwitu tal-prezentata tar-rikors odjern, permezz ta' digriet moghti minn dina l-Onorabbli

Qorti nhar it-2 ta' Lulju, 2007, is-socjeta' esponenti giet akkordata erbat ijiem ghar-risposta mid-data tan-notifika tar-rikors odjern, liema notifika sehhet nhar l-10 ta' Lulju, 2007.

2. Illi fl-ewwel lok, is-socjeta' esponenti tirribatti bil-qawwa kollha bhala kompletament infondati fil-fatt u fid-dritt l-allegazzjonijiet tar-rikorrenti illi l-ittra ufficjali minnha ipprezentata ai termini tal-artikolu 166A tal-Kap 12 tal-Ligijet ta' Malta hija nulla ghaliex ma saritx skond x'jiddisponi l-istess artikolu.

3. Illi f'dan li jirrigwarda l-allegazzjonijiet tar-rikorrenti illi l-ittra *de quo* hija nulla ghaliex nieqsa mill-kliem *"Ghalhekk huwa fl-interess tieghek li tkellem avukat jew prokuratur legali"*, jigi umilment rilevat illi dan in-nuqqas bl-ebda mod ma jista' jikkostitwixxi bazi ghan-nullita' tal-att gudizzjarju in kwistjoni. Jigi rilevat illi l-avviz legali 278/2005 citat mir-rikorrenti bl-ebda mod ma jindika illi n-nuqqas ta' dan il-kliem b'xi mod iwassal ghan-nullita' ta' l-att gudizzjarju in kwistjoni. Min-naha l-ohra, fejn il-ligi riedet tispecifika li certa nuqqasijiet tassew iwasslu ghan-nullita' ta' dan l-att gudizzjarju, dan tghidu b'mod car. Hekk hu fil-fatt l-artikolu 166A (3) li jispjega ezattament dak illi jrid ikun fiha l-ittra ufficjali, din id-darba taht piena ta' nullita' u senjatament *"intimazjoni lid-debitur li jekk huwa ma jwegibx fi zmien tletin jum mindu jigi notifikat bl-imsemmija ittra ufficjali billi jipprezenta nota fl-atti ta' dik l-ittra ufficjali li fiha tigi respinta t-talba u li tista' tigi ffirmata u pprezentata fil-Qorti mid-debitur stess minghajr il-htiega ta' firma ta' Avukat jew Prokuratur Legali, dik l-ittra ufficjali tkun tikkostitwixxi titolu ezekuttiv"*. Huwa car mill-ittra stess illi dan l-avviz, kif trid il-ligi gie imnizzel b'mod car izda li minkejja dan, ir-rikorrenti ghazlu illi ma jipprezentaw l-ebda kontestazjoni skondil-ligi.

4. Illi r-rikorrenti jallegaw ukoll illi l-ittra ufficjali ma tindikax li min halef l-ittra ghandu r-rapprezentanza tas-socjeta' esponenti u dan kontra dak li jiddisponi l-artikolu 166A(5) (ii).

F'dan ir-rigward jigi umilment rilevat illi dak li jirrikjedi l-artikolu 166A(2) u li l-kontenut ghandu jkun ikkonfermat bil-gurament mill-kreditur. Bhala fatt l-ittra ufficjali giet ipprezentata u mahlufa skond il-ligi minn rapprezentant awtorizzat tas-socjeta' esponenti u ghalhekk ir-rekwiziti tal-ligi f'dan is-sens gew sodisfatti kompletament.

5. Illi minghajr pregudizzju, u f'dak li jirrigwarda l-allegazzjonijiet tar-rikorrenti illi l-ittra ufficjali fl-ismijiet premessi ma tikkontjenix dikjarazzjoni tal-fatti u ghaldaqstant hija nulla, hija totalment infondata. L-ittra ufficjali innifisha turi bic-car dawk li huma l-fatti li wasslu lis-socjeta' esponenti sabiex tirreklama il-kreditu lilha dovut. L-istess ittra turi b'mod car u inekwivokabbli li r-rikorrenti huma debituri tas-socjeta' esponenti fl-ammont ta' elf hames mija erbatax il-liri Maltin u hames centezmi (Lm1,514.05) u li dan l-ammont jirraprezenta prezz ghal manutenzjoni ta' *lift* ai termini ta' ftehim datat l-4 ta' Mejju, 2000, kif ukoll huwa rapprezentanti prezz ghal xoghol fuq l-istess *lift*, ezegwit mis-socjeta esponenti fuq inkarigu tar-rikorrenti. Bir-rispett kollu lejn ir-rikorrenti, s-socjeta' esponenti ma tistax tifhem x'dikjarazzjoni cara iktar minn hekk qeghdin jippretendu r-rikorrenti.

6. Illi in ogni kaz u minghajr pregudizzju ghal dak kollu premess f'din ir-risposta, il-gurisprudenza taghna timmilita favur il-validita' ta' l-atti gudizzjarji u kontra n-nullita' taghhom u gie stabbilit illi jekk att gudizzjarju huwa car u ma jtellifx lill-kontro parti milli tiddefendi lilha nnifisha, tali att m'ghandux jigi dikjarat null. Issa, m'hemmx dubju illi l-ittra ufficjali pprezentata mis-socjeta' esponenti ai termini tal-aritkolu 166A, hija cara u bl-ebda mod ma tikkontjeni nuqqasijiet li b'xi mod setghu tellfu lir-rikorrenti milli jezercitaw kull dritt li seta' kellhom, li jikkontestaw l-istess ittra liberament b'nota kif trid il-ligi u fil-mument opportun, haga illi r-rikorrenti ghazlu li ma jaghmlux minkejja wkoll id-debita notifika. Effettivament u bhala fatt, ir-rikorrenti Farrugia tant fehem il-kontenut tal-istess ittra

ufficjali, illi zmien wara li gie notifikat biha ghamel kuntatt telefoniku mas-socjeta' esponenti u l-avukat tal-istess socjeta' u dan minflok ma ppreceda biex jipprezenta n-nota ta' kontestazzjoni kif trid il-ligi.

7. Illi f'dak li jirrigwarda l-allegazzoni tar-rikorrenti illi l-ittra hija nulla ghaliex ma giex indikat illi l-ammont huwa cert, likwidu u dovut, jigi rilevat umilment is-segwenti. L-artikolu 166A(1) jistabilixxi l-kundizzjoni a bazi ta' liema tista' tigi ezercitata l-procedura specjali stabbilita taht l-artikolu 166A u mhux illi ghandha ssir dikjarazzjoni li l-ammont reklamat huwa cert, likwidu u dovut. L-artikolu 166A(1) fil-fatt jghid illi: "*F'azzjonijiet ghall-hlas ta' dejn cert, likwidu u li ghalaq u li ma jkunx jikkonsisti fl-esekuzzjoni ta' fatt u meta l-ammont tad-dejn ma jkunx jeccedi l-hamest elef lira, lil-kreditur ikun jista' jipprocedi skond dawn is-subartikolu ta' dan l-artikolu..*". Minghajr pregudizju, ir-rikorrenti setghu da parti taghhom, ma jaqblux li l-ammont huwa cert, likwidu u li ghalaq, izda f' dak il-kaz kellhom ir-rimedju li jipprezentaw nota fir-registru tal-Qorti skond kif spjegat b'ittra cara fl-ittra ufficjali in kwistjoni.

Illi s-socjeta' esponenti tirrileva illi r-rikors odjern huwa biss tentattiv da parti tar-rikorrenti illi jtawlu inutilment il-proceduri ta' ezekuzzjoni tat-titolu ezekuttiv ottenut mill-esponenti skond il-ligi.

Ghalhekk u in vista tas-suespost, s-socjeta' esponenti titlob lil din il-Qorti sabiex tichad it-talbiet tar-rikorrenti u tordna li l-mandat ta' qbid numru 1614/07 ghandu jibqa' fis-sehh.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat

Illi mill-atti in esami u mill-provi prodotti jidher li:-

a) Fl-17 ta' April 2007, is-socjeta intimata pprezentat ittra ufficjali fil-konfront taz-zewg rikorrenti u dan a bazi tal-artikolu 166A tal-Kapitolu 12 citat. Permezz ta' din l-ittra, ir-rikorrenti kienu gew interpellati sabiex, fi zmien tlett (3) ijiem minn notifika taghha, jhallsu s-somma hemm specifikata u dan ghar-ragunijiet hemm indikati. Fl-istess ittra ufficjali hemm imnizzel, b'mod car, illi din l-ittra qed tintbaghat a tenur tal-artiklu 166A citat u f'kaz li ma' jkunx hemm twegiba <u>fi zmien tletin (30) jum minn notifika taghha permezz ta' nota presentata fl-atti taghha</u>, l-istess ittra ufficjali jkollha il-forza ta' titolu ezekuttiv. Difatti s-socjeta intimata wissiet lill-istess rikorrenti illi, fin-nuqqas tal-istess nota li ghadha kemm isemmiet, hi ser tagixxi permezz tal-hrug tal-mandati ezekuttivi opportuni.

b) Din l-ittra ufficjali giet debitament notifikata (ara fol 6 ibid) liz-zewg rikorrenti fl-24 ta' April 2007 u fil-25 ta' April 2007.

c) Mill-provi jidher li l-istess rikorrenti ma ipprestantaw <u>l-ebda nota</u> entro it-terminu ta' tletin (3) jum u b'hekk is-socjeta intimata ottjeniet il-hrug tal-mandat ta' qbid ezekuttiv in esami u li kopja tieghu tinsab annessa a fol 3 ibid, liema mandat gie filfatt, ezegwit kif jidher a fol 4 ibid.

Ikkunsidrat

Illi f'dan l-istadju ir-rikorrenti qed jitolbu <u>r-revoka tal-istess mandat</u> peress li qed jinghad minnhom illi:

(i) L-istess ittra ufficjali ma fihiex "in parte" <u>l-avviz</u> kif miktub u specifikat fl-avviz legali numru 278/05 cjoe "Ghalhekk huwa fl-interess tieghek li tkellem avukat jew prokuratur legali. Difatti dwar dan il-punt jidher li minflok hemm imnizzel "..nota … li tista' tigi ffirmata u pprestentata … minghajr il-htiega ta' firma ta' avukat jew prokuratur legali.

(ii) Ma hemm xejn x'jindika li minn halef l-istess ittra cjoe "Emanuel Fenech" kellu r-rapprezentanza tas-socjeta intimata.
(iii) Hi nieqsa mar-ragjunijiet ghala t-talba ghandha tigi milqugha u mid-dikjarazzjoni tal-fatti u l-ammont huwa cert, likwidu u dovut.

Ikkunsidrat

Illi, dwar il-punti numri (ii) u (iii), jigi rilevat illi fl-istess ittra ufficjali hemm specifikati r-ragunijiet il-ghala s-socjeta intimata interpellat lis-socjeta rikorrenti ghal hlas tas-somma hemm specifikata. Dawn huma "prezz ta' manutenzjoni ta' "lift" ….. kif ukoll prezz ghax-xoghol fuq l-istess 'lift" u illi minn halef l-ittra ufficjali u l-kontenut taghha ghandu jigi presunt li ghandu r-rappresentanza tal-istess socjeta. Dwar dan l-ahhar punt skond din il-Qorti kien jispetta lir-rikorrenti li jipprovaw il-kontrarju. Inoltre kien jispetta ukoll lir-rikorrenti illi juru, bil-mezz moghti mill-istess artikolu 166A tal-Kapitolu 12 citat, il-ghala l-ammont in esami ma hux cert likwidu u dovut sabiex dan il-kaz seta' jaqa' fil-kontenzjuz.

Illi, difatti, ir-rikorrenti in rigward il-premess, kienu obbligati fil-ligi li jwiegbu ghal dak premess permezz ta' nota imsemmija presentata entro t-terminu ta' tletin (30) jum. Sfortunatament, f'dan l-kaz din in-nota ma saritx u ghalhekk is-socjeta intimata kienet korretta illi tagixxi permezz tal-att ezekuttiv in esami.

Ikkunsidrat

Illi kif premess, ir-rikorrenti qed jallegaw illi l-ittra ufficjali ghandha tigi konsiderata bhala nulla minhabba in-nuqqas "in parte" fl-avviz imsemmi. Dwar dan il-punt din il-Qorti thoss illi l-avviz in esami kif imnizzel fl-ittra ufficjali jikkontjeni dak kollu essenzjali sabiex l-ittra ufficjali tigi ritenuta bhala valida cjoe l-avviz tal-htiega ta' twegiba

> permezz ta’ nota fi zmien tletin (30) jum minn notifika taghha lill-istess rikorrenti u, fin-nuqas ta’ din in-nota, li l-ittra ufficjali ssir titolu ezekuttiv.
>
> Ikkunsidrat
>
> Illi, ghalhekk u fis-sustanza, din il-Qorti hi tal-fehma illi l-ittra ufficjali in esami hi <u>konformi sostanzjalment</u> mal-artikolu 166A citat u b’hekk trid tigi ritentuta bhala <u>valida</u> ghal kull effett u fini fil-ligi .
>
> Ghal dawn il-motivi, l-Qorti tichad it-talba tar-rikorrenti bl-ispejjes kontra l-istess rikorrenti.”

Bl-appell taghhom fil-kontestazzjoni tal-pronunzjament ta’ l-ewwel Qorti, il-konvenuti jirribadixxu l-istess motivi ta’ impunjattiva tal-Mandat ta’ Qbid esekuttiv dedotti minnhom fir-rikors promotur. B’ mod generali, li l-ittra ufficcjali, krejatrici tat-titolu ezekuttiv, hi affetta minn nullita` in kwantu din ma tissodisfax certi rekwiziti dettati mill-Artikolu 166A tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili. Fl-ispecifiku, jissottomettu illi f’ dik l-ittra ufficcjali:-

(1) kienu mankanti l-kliem “Ghalhekk huwa fl-interess tieghek li tkellem avukat jew prokuratur legali”, ghal liema jirreferi l-Avviz Legali 278/2005;
(2) ma kienx hemm x’ jindika li min halef l-att ghandu r-rapprezentanza tas-socjeta` Panta Marketing & Services Ltd;
(3) ma kienetx tikkontjeni r-ragunijiet il-ghala t-talba ghandha tigi milqugha u dikjarazzjoni tal-fatt u lanqas li l-ammont huwa cert, likwidu u dovut;

Fit-twegiba taghha s-socjeta` appellata ggib ‘il quddiem bl-ewwel proposizzjoni illi l-appell sottopost ghandu jitqies guridikament improponibbli in kwantu l-ligi ma tipprovdix hlief ghall-opposizzjoni kif preskritt fis-subinciz (6) ta’ l-Artikolu 166A. B’ dan l-argoment is-socjeta` appellata

donnha trid tfisser illi l-impunjattiva jew l-opposizzjoni tikkonsuma ruhha ma’ l-istadju tad-deklaratorja dwarha mill-ewwel Qorti. Ma’ dan l-argoment din il-Qorti rispettosament ma taqbelx. Ibda biex, fis-sistema delinejata mill-Kodici ritwali taghna l-opposizzjoni ghall-atti ezekuttivi, u in partikolari fejn ikun mahsub li tinkiseb in-nullita jew rexxissjoni taghhom trid issir bi procediment kontenzjuz, u konkjuza bi provvediment li jirraprezenta l-karatteristici ta’ sentenza emessa wara l-konkluzjoni ta’ provediment introdott u zvolt skond il-forma tal-process kontenzjuz ordinarju. Fit-tieni lok, il-principju mperanti jibqa’ dejjem dak illi, salv li l-ligi ma tipprovdix xort’ ohra, sentenza ta’ qorti jew tribunal inferjuri hi soggetta ghall-appell. Fit-tielet lok tezisti distinzjoni markata bejn l-opposizzjoni *de qua*, kif kontemplata fit-terminu tas-subinciz (5) ta’ l-Artikolu 166A u d-dritt ta’ l-appell mis-sentenza li tkun cahdet dik l-opposizzjoni. Ghal dawn il-konsiderazzjonijiet il-pregudizzjali mqanqla ta’ l-improponibilita` ta’ l-appell qed tigi rigettata;

Issa mill-interpretazzjoni tal-precitat subinciz (5) ta’ l-artikolu msemmi l-opposizzjoni ghat-titolu ezekuttiv irid ikollha b’ oggett l-accertament ta’ irregolaritajiet formali fl-att ta’ l-ittra ufficcjali li jkun ta lok ghat-titolu jew fin-notifikazzjoni tieghu. Taht dan il-profil l-opposizzjoni tikkonfigura bhala aggravju ritwali u mhux wiehed fil-mertu. Manifestament, fil-kaz in ezami, mix-xorta ta’ vizzji denunzjati mill-appellanti, il-kwestjoni hi minnhom artikolata fuq il-bazi ta’ dak li huma jiddeducu bhala irregolaritajiet formali fl-ittra ufficcjali tas-17 ta’ April 2007. Senjatament ghar-rikjam li s-subinciz (5) jaghmel ghas-subincizi (1), (2) u (3) ta’ l-istess Artikolu 166A. Il-Qorti behsiebha tikkonsidra l-ilmenti ta’ l-appellanti fl-istess ordni li tqajmu;

Bl-ewwel motiv ta’ ilment l-appellanti jippretendu illi huma ma kellhomx jigu assoggettati ghall-ezekuzzjoni forzata relattivia in kwantu l-att preliminari u preparatorju ghalih, kostitwit mill-ittra ufficcjali, ma sarx skond il-forma preskritta fl-Avviz Legali 278/2005 ghal liema jirreferi s-

subinciz (2) ta’ l-artikolu taht kumment. Dan ghaliex, kif kwerelat minnhom, mill-ittra ufficcjali kienet mankanti l-komunikazzjoni li fl-interess taghhom l-appellanti kellhom ikellmu avukat jew prokuratur legali. Fil-hsieb konsiderat ta’ din il-Qorti in-nuqqas ta’ referenza fl-ittra ufficcjali ghal dik il-komunikazzjoni ma jistax jitqies ta’ serjeta tali li jikkonduci ghan-nullita` ta’ l-att. Ghas-sostenn ta’ din l-affermazzjoni taghha l-Qorti taghmel dawn ir-riflessjonijiet:-

(1) L-ewwelnett hu ferm dubitat kemm dik il-komunikazzjoni tista’ titqies rekwizit formali indispensabbli ghar-raggungiment ta’ l-iskop ta’ l-opposizzjoni mid-debitur ghall-interpellazzjoni maghmula lilu ghall-hlas. Tant dan hu hekk illi skond kif mahsub mis-subinciz (3) ta’ l-Artikolu 166A dik l-opposizzjoni setghet dejjem issir mid-debitur innifsu permezz ta’ nota iffirmata u pprezentata minnu stess u minghajr il-htiega ta’ firma ta’ Avukat jew Prokuratur Legali;

(2) Forsi jista’ jigi objettat mill-appellanti illi l-htiega li jkunu nkluzi anke il-kliem testwali ta’ l-ahhar parti ta’ l-Avviz Legali jikkostitwixxi dik l-esigenza li d-debitur ikollu konoxxenza ahjar ta’ l-importanza legali ta’ l-att innifsu. Dan jista’ jkun ukoll il-kaz u, infatti l-Qorti ma teskludix li hu desiderabbli li dawk il-kliem jigu nkluzi. Fundamentalment, pero`, la l-ittra ufficcjali *de quo* kien fiha dejjem a tenur ta’ l-istess Avviz Legali t-twissija preventiva li l-att jigi tradott f’ titolu ezekuttiv jekk id-debitur jonqos li jirreagixxi ghalih fit-terminu utli preskritt, dan kellu jitqies sufficcjenti biex l-appellanti debituri jharsu d-drittijiet sostanzjali taghhom u li jiddefenduhom kif jixraq bl-opposizzjoni ghat-talba kreditorja fil-konfront taghhom;

(3) Wara kollox, hi n-nuqqas ta’ din l-istess twissija preventiva li l-ligi espressament tikkommina b’ nullita` a sensu tas-subinciz (3) u mhux ukoll il-fatt tan-nuqqas ta’ komunikativa biex l-appellanti jkellmu avukat jew prokuratur legali fl-interess taghhom;

(4) Fil-kumpless, il-ligi tittutela lid-debituri billi dawn jigu avvertiti bl-opportunita li jgibu ‘l quddiem u fiz-

zmien statutorju prefiss l-opposizzjoni taghhom ghar-realizzar tat-titolu ezekuttiv u dan indipendentement minn jekk jikkonsultawx, o meno, persuna legali. Tali tutela hi wkoll estiza bil-proponiment ta' azzjoni dikjarattiva awtonoma tal-vizzji ta' l-att skond is-subinciz (5). Fil-kaz prezenti din it-tutela ma tistax ragonevolment u in bazi ghar-riflessjonijiet maghmula tigi akkordata lill-appellanti ghall-motiv minnhom promoss bl-ewwel ilment;

Fil-konsiderazzjoni tat-tieni u tat-tielet motiv ta' ilment hi l-opinjoni ta' din il-Qorti illi s-suppost vizzji senjalati mill-appellanti ghall-produzzjoni tan-nullita guridika prospettata minnhom huma ghal kollox insostenibbli. Fil-qosor hafna dwarhom irid jinghad dan. *In primis*, jekk l-appellanti kellhom xi dubju illi min halef l-ittra ufficcjali ma kellux verament ir-rapprezentanza tas-socjeta` appellata huma kienu fl-obbligu li jgibu l-prova fuq daqshekk ghax din l-allegazzjoni saret minnhom u l-oneru dwarha jaggrava dejjem fuqhom. Fit-tieni lok, u bil-kontra ta' dak asserit mill-appellanti, ma jirrizultax illi l-ittra ufficcjali hi priva minn dawk l-elementi necessarji ghal kwalifika taghha bhala att inkwadrabbli fil-fattispeci guridici ta' l-Artikolu 166A. Ibda biex, ma kellux ghalfejn jissemma illi l-kreditu hu cert, likwidu u dovut ghax dan hu mil-ligi nnifisha prezunt bis-subinciz (1). Barra minn dan, kif korrettement rilevat mill-ewwel Qorti, l-ittra ufficcjali kienet sew tidentifika r-ragunijiet ghal liema s-socjeta` appellata kienet qed tippretendi l-hlas. Fil-konkret, il-hlas ta' somma specifika rapprezentanti prezz ta' manutenzjoni ta' lift ai termini tal-ftehim ta' l-4 ta' Mejju 2000 u xoghol konness ma' l-istess lift kif mill-appellanti kommissjonat;

Fid-dawl ta' dan kollu konsiderat hu dejjem tajjeb li jigi rikjamat il-principju in bazi ghal liema n-nullita` "*è un mezzo estremo a cui il legislatore non ricorre che in caso di necessita`*" (**Laurent**, "**Principii di Diritto Civile**", Vol. I para. 43) u ghalhekk m' ghandhiex tigi facilment attiza.

Ghal dawn il-motivi, prevja r-rigett tal-pregudizzjali ta’ l-improponibilita` ta’ l-appell sollevata mis-socjeta` appellata, tichad l-appell fil-mertu u tikkonferma d-decizjoni appellata. Salv ghall-ispejjez tac-cahda tal-pregudizzjali li jibqghu a karigu ta’ l-appellat, l-ispejjez gudizzjarji l-ohra kollha jitbatew mill-appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------